# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.4

**Kap 8: Kulħadd għandu postu**

**Lezzjoni 8.4: Il-Knisja u l-ħajja tagħna**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jifhmu x'inhi tassew il-Knisja.
2. Jitgħallmu x'jagħmel fihom l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija u fil-Griżma tal-Isqof.
3. Jagħrfu kif dan l-Ispirtu qed jgħinhom biex jgħixu ħajja tajba.
4. Janalizzaw li bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu f'ħajjithom qed jgħixu l-ħajja ta' veru Nsara.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint: Il-Magħmudija
- Clip: Catholic Baby Baptism (www.youtube.com/watch?v+=_LB5zLpiw)
- Diska: Come, Holy Spirit

  https://www.youtube.com/watch?v=-R8fJO1hlg8
- Karta ta' Taħriġ 8.4 – mill-Ktieb



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ikteb il-kelma KNISJA fuq l-IWB u staqsi lit-tfal fiex tfakkarhom din il-kelma. Xi risposti jistgħu jkunu: familja – mgħammdin - familja ta' Ġesù.
- Ikteb il-kelma *knisja* ħdejn *KNISJA* u staqsi x'inhi d-differenza.
- Spjega li l-*knisja* hija l-post tal-ġebel.
  U *Knisja* hija aħna li aħna mgħammdin u li għandna l-istess Missier.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-Lezzjoni)

1. Spjega: Mela aħna sirna parti minn din il-familja fil-Magħmudija.
2. Staqsi: X'jiġri fil-Magħmudija? Ara x'jaħsbu t-tfal.
3. Uri l-Powerpoint li tispjega b'mod speċjali l-importanza tal-Ispirtu s-Santu.
4. Uri mill-Youtube l-klipp ta' tarbija titgħammed.
5. Staqsi: Wara l-Magħmudija nerġgħu nirċevu lill-Ispirtu s-Santu. Meta? Kemm ikollna żmien? Għaliex isir dan?
6. Nispiċċaw il-lezzjoni bid-diska: Come, Holy Spirit
7. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.4. Spjega s-silta mogħtija u wara għaddi għal Attività 1. Fuq bażi ta' klassi ddiskuti u għin lit-tfal jsibu l-kelma t-tajba. Ir-risposti huma: ġebel- Ġesu- Ewkaristija – skiet- ċelebrazzjoni- quddiesa.
8. Għaddi għal Attività 2 u wara diskussjoni għaraf iggwida liema huma veri u liema le. Risposti: Iva – Iva – le – iva – iva.



9. Għaddi għal Attività 3. Enfasizza l-punt li meta ma rridux lill-Ispirtu s-Santu f'ħajjitna, ma jistax jgħinna għax ma nħalluhx.

10. Agħlaq il-lezzjoni b'talba addattata.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. L-Ispirtu s-Santu hu qawwa fil-ħajja tagħna.
2. L-Ispirtu s-Santu jiġi fina fil-Magħmudija u t-tieni darba li jiġi fina hu fil-Griżma tal-Isqof.
3. Id-dar propja ta' Alla hija l-knisja.
4. L-isbaħ ċelebrazzjoni li ssir fil-knisja hija l-quddiesa.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li jagħrfu li qabel kull azzjoni li jagħmlu jridu jistaqsu lilhom infushom jekk dik l-azzjoni hix tajba jew le.



## Nitolbu

Ejja Spirtu s-Santu u imla l-qalb tagħna bl-imħabba u l-ferħ tiegħek ħalli b'hekk aħna ngħixu ħajja tajba ta' veru Nsara li aħna.

